**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Diċembru , 2019**

Rikors Numru: 305/19 AL

**AB** u **CB**

Vs

X

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt illi gie kkonfermat bil-ġurament u li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettew:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996)-ċertifikat hawn anness u mmarkat Dok "A".;

2. Illi minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, DB li twieldet fil-ħdax (11) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u EB li twieled fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), u l-manteniment dovut għalihom dejjem tħallas regolarment minn CB u għalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment.

3. Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber tas-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kopja awtentika tal-istess qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok 'B'.

4. Illi l-esponenti kienu ddekadu mid-dritt tagħhom li jitolbu jew jirċievu manteniment mingħand xulxin.

5. Illi għaddew sktar minn ħames (5) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin.

6. Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

7. Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju.

8. Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.

9. Illi l-esponenti AB tixtieq tirreverti ħal kunjom xbubitha u ċioe' "F"

Talbu lil-Qorti sabiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn AB u CB u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66 A et seq tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti AB tirreverti għal kunjom xbubitha u ċioe "F",
   U dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Lulju, 2019;

Rat l-affidavit taz-zewg rikorrenti

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-7 ta' Dicembru, 2015 u ilhom ghal aktar minn ħames snin ma jgħixu flimien;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.